MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 2135/2004

**Middle Sea Insurance plc (C5553) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Darrell Bonello ghan-nom ta' Diane Garage u l-istess Darrell Bonello**

**Vs**

**Jonathan Pullicino**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-atturi talbu li l-konvenut ihallas is-somma ta' mitejn u hamsa u tletin lira Maltin (Lm235) rapprezentanti danni subiti minnhom b'rizultat ta' ncident awtomobilistiku li sehh fi Triq il-Harrub f'Santa Venera fid-9 ta' Dicembru, 2002 bejn vettura CAC 969 misjuqa mill-konvenut u LIN 185 misjuqa minn Michael Bonello.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha kkontesta l-kawza billi qal li huwa ma habatx mal-vettura ta' l-attur.

Sema’ x-xhieda ta’ PS 860 Keith Caruana, Michael Bonello u Darrell Bonello.

Ra li fis-seduta tat-22 ta’ Frar, 2005 gie pprezentat Kapitolu u li ghas-seduta tal-lum il-konvenut ma deherx biex iwiegeb ghall-istess Kapitolu.

**Ikkunsidra**

Illi fl-ewwel lok jinghad illi ghalkemm il-Kapitolu qieghed jigi meqjus bhala mistqarr, dan wahdu m’huwiex l-unika prova fl-atti u fil-kaz odjern, bhal f’kull kaz iehor, it-Tribunal huwa obbligat li jiehu konjizzjoni tal-provi kollha prodotti fil-kawza, fosthom ix-xhieda mressqa u d-dokumenti esebiti.

Mill-provi prodotti jirrizulta illi dakinhar in kwistjoni l-vettura ta’ l-attur kienet ipparkjata fi Triq il-Harrub f’Santa Venera u Darrell Bonello sema’ u ra l-incident isir.

Huwa nduna li l-konvenut kien habat mal-vettura pparkjata tieghu u mar jipprova jilhqu, izda l-konvenut baqa’ jsuq. Billi l-konvenut inqabad fit-traffiku kellu jieqaf u f’dak il-mument Bonello lahaq mieghu u apparentement hadlu l-mobile u xi file minn gol-karozza u b’rizultat ta’ dan il-konvenut Pullicino kellu jipparkja.  Milli jidher qam xi ncident bejniethom tant li eventwalment gew il-pulizija u hemm rapport dettaljat dwar dan esebit fl-atti.

Ma tressqet l-ebda prova biex tikkontradixxi x-xhieda moghtija minn Michael u Darrell Bonello u mis-Surgent Caruana.
Tenut kont il-premess u tenut kont li l-konvenut ma wiegibx ghall-Kapitolu li ghalhekk qed jitqies bhala mistqarr, it-Tribunal jikkonkludi li l-incident sehh ezattament kif iddiskrevewh l-imsemmija xhieda.  Dan iwassal ghall-konkluzjoni li l-konvenut habat mal-karozza pparkjata ta’ Bonello u ghalhekk il-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-incident.

Ma jirrizultax li hemm kontestazzjoni fuq il-*quantum* tad-danni.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-kollizjoni in kwistjoni u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta’ mitejn u hamsa u tletin lira Maltin (Lm235) bl-ispejjez u bl-interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------